# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2017

Appell Nru: 98/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Cliff Borg**

**Carl Sant**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Cliff Borg detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 504382M u Carl Sant detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 42492M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Talli nhar it-2 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' 14:15hrs, waqt li kienu fuq il-bahar fl-inhawi ta' Bahar ic-Caghaq u f'dawn il-gzejjer, b'opra tal-bahar b'numru ta' registrazzjoni S-19243, ikkaccjaw jew ipprovaw jikkaccjaw, jiehdu jew ipprovaw jiehdu xi ghasfur li huwa protett, Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) skond ir-regolament dwar il-konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, mhux skont

dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahthom u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkonfoffaw jew ittantaw, jew ghenu, hajjru, taw pariri jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi dispozizzjonijiet, jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' regolament 4(1)(e) u 4(1)(f) u dan bi ksur ta' Regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zammew xi ghasfur u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew t-tehid taghha huma projbiti taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, (inkluz fi Skeda I), kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghataw il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

4. Talli zammew xi ghasfur, kemm haj u kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-Iskeda III, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi stat membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-direttiva tal-kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dak l-ghasfur kien

migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 bi ksur ta' regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

5. Talli naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom u ghall-perjodu kollu li kienu fil-pussess ta' kampjun, u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dak il-kampjun ma kienux miksub kontra id-disposizzjonijiet ta' r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' regolament 4(l)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprovaw jikkaccjaw lil xi ghasfur u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) minbarra dawk imsemmija fi Skeda II, u dan bi ksur ta' regolament 5(l) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. Ikkaccjaw minn fuq il-bahar xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) bi ksur ta' regolament 5(3)(b) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zammew jew garrew arma tan-nar, li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment ta' l-iskratac ta' l-arma, jew barra l-ghata taghha, f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' regolament 17 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

9. Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, waqt l-istagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar, garrew waqt li kienu fuq il-bahar, (minbarra waqt li tkun qieghda taqsam bejn Malta u Ghawdex bit-trasport pubbliku), xi munizzjoni jew arma tan-nar li jkollha licenzja ghat-tehid ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Regolament 18(l)(e), SL 504.71;

10. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw, jew ghenu, hajru, taw pariri jew flus lil haddiehor sabiex ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehdu jew jipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett skond ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata taht hom u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(a) u ta' regolament 27(l)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

11. Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw, jew ghenu, hajjru, taw pariri jew flus lil haddiehor sabiex ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fi Skeda II, u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) u dan bi ksur ta' regolament 5(1) u ta' regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

12. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw, jew ghenu, hajjru, taw parir jew flus lil haddiehor sabiex ikkaccja minn fuq il-bahar xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe' Gallina tal-bahar (Haematopus ostralegus) bi ksur ta' regolament 5(3)(b) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

13. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw, jew ghenu, hajjru, taw pariri jew flus lil haddiehor sabiex garr arma tan-nar, li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment ta' l-iskratac ta' l-arma, jew barra l-ghata taghha, f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' regolament 17 u ta' regolament 27(l)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

14. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw, jew ghenu, hajjru, taw pariri jew flus lil haddiehor sabiex garrew waqt li kienu fuq il-bahar, (minbarra waqt lit kun qieghda taqsam bejn Malta u Ghawdex bit-trasport pubbliku), xi munizzjoni jew arma tan-nar li jkollha licenzja ghat-tehid ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Regolament 18(l)(e), u ta' regolament 27(l)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

15. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccjaw jew ppruvaw jikkacjaw, hadu jew ippruvaw jiehdu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta ma kontx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, meta ma kontx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfawx il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' regolament 12(l) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

16. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw, jew ghenu, hajjru, taw pariri jew flus lil haddiehor sabiex ikkaccjaw jew ppruvaw jikkacjaw, hadu jew ipprovaw jiehdu b'kull

mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta ma kontx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfajtx il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' regolament 12(1) u ta' regolament 27(l)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

17. B'hekk rrendew ruhhom recedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Frar, 2015, li biha sabet lill-appellanti, allura imputati, hatja w ikkundannathom multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) kull wiehed, ordnat il-konfiska tad-dghajsa u tal-arma esebita, ordnat ukoll ir-revoka permanenti tal-licenzji kollha taghhom mahruga taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Cliff Borg u Carl Sant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-27 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu l-htija izda thassarha u tirrevokha billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Semghet lill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha u l-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-konsegwenzjali tal-piena erogata mill-ewwel Qorti ghall-imputazzjonijiet kif riportati *supra* u li taghhom instabu hatja l-appellanti;

2. In succint, l-appellanti kienu intercettati jikkaccjaw minn fuq il-bahar waqt stagun mghaluq u instabu fil-pussess ta' zewgt itjur protetti, wahda mejta u l-ohra feruta. L-arma in kwistjoni kienet tiehu aktar minn tlett iskratac u b'hekk kienu esposti ghal-numru ta' imputazzjonijiet kontra r-regolamenti tal-kacca;

3. L-imputati rregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u l-ewwel Qorti kkundannathom ghal-hlas ta' multa ta' €1,500.00, ordnat il-konfiska tad-dghajsa u tal-arma uzati mill-appellanti u rrevokat b'mod permanenti il-licenzji kollha taghha mahruga taht l-Avviz Legali 79 tal-2006;

4. L-appell odjern jikkwerela biss ir-revoka tal-licenzji tal-kacca tal-appellanti u ma jsemmi xejn dwar il-multa imposta u l-konfiska tad-dghajsa u tal-arma. Ghal ahjar intendiment, fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2016 quddiem din il-Qorti, l-appellanti ddikjaraw illi l-appell huwa limitat ghall-piena biss, specifikatament dik il-parti fejn il-Qorti kkundannat skwalifika ta' licenzja ghall-ghomor; [recte : b'mod permanenti];

5. Issa qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti thoss illi jkun opportun li, ghall-darb'ohra, tirrimarka dwar iz-zamma tal-atti processwali mill-ewwel Qorti. Ezaminat il-verbal tal-unika seduta mizmuma mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Frar 2015 hemm registrat b'mod ekonomiku ghall-ahhar is-segwenti: *Meta ssejhet il-kawza* [igifieri l-ewwel dehra] *deher l-Ispettur Jurgen Vella ghall-Prosekuzzjoni./ Dehru l-imputati assistiti minn Dr. Edward Gatt u Dr. N. Arrigo./ Prosekuzzjoni ezebit id-dokumenti./ Kawza deciza*". L-importanza ta' rendikont preciz ta' dak li jkun gara waqt is-seduta ma jistghax ma jkunx ripetutament ezaltat minn din il-Qorti. Mill-verbal citat *supra*, la jirrizulta illi l-imputati ammettew il-fatti u lanqas tirrizulta deskrizzjoni tad-dokument ezebiti. Id-dghajsa u l-arma tan-

nar mkien ma jidhru ezebiti, formalment jew materjalement u la darba dawn lanqas kienu ezebiti mac-*charge sheet* ma tistghax din il-Qorti tifhem kif qatt setghet issir il-konfiska taghhom. Dwar dan izda ma hemm l-ebda appell, izda l-Qorti thossha fid-dover illi tissenjala dan in-nuqqas sabiex tkun evitata ripetizzjoni fil-futur aktar u aktar meta kaz bhal dan kien jesponi lill-imputati ghal-piena karcerarja;

6. L-appellanti jargumentaw illi r-revoka tal-licenzji b'mod permanenti kienet wahda drastika u ghalhekk jitolbu li din tkun ridemensjonata b'mod illi revoka ghal-numru ta' snin kienet tkun aktar idonea;

7. Id-disposizzjonijiet tal-ligi, igifieri r-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat u kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat, (li jinsab indiccjat ukoll bhala LS 549.42) jipprovdu hekk dwar il-piena komminabbli:

> 27(2) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(b), 18(1)(a), 18(1)(c), 18(1)(e), 18(1) (f)(ii)(a), 19 u 24 tista' tehel:
>
> (a) Meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hames mitt euro (€500) izda mhux izjed minn hamest elef euro (€5000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*.
>
> Il-Qorti ghandha wkoll tordna s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal-perjodu ta' mhux anqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin;
>
> (b) Meta tinsab hatja ghat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1000) izda mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn xahrejn izda mhux iktar minn sentejn, jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.
>
> Il-Qorti ghandha wkoll tordna r-revoka **permanenti** [enfasi tal-Qorti] ta' kull licenza jew permess, mahrug taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijieet tal-Pulizija.
>
> Izda wkoll kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament mhux imsemmi f'dan is-subregolament, liema reat jinvolvi xi ghasfur inkluz fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, jew tikkaccja jew tittanta tikkaccja, tiehu jew tittanta tiehu ghasfur mill-ixtajtiet elenkati fl-Iskeda VII tehel, meta tinsab hatja, il-piena skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament

(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament iehor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tieghu rispettivament tista' tehel:

(a) Meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hames mitt euro (€500) izda mhux izjed minn hamest elef euro (€5000) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti;
(b) Meta tinsab hatja ghat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1000) izda mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn xahrejn izda mhux iktar minn sentejn, jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Izda wkoll l-Qorti ghandha wkoll tordna s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal-perjodu ta' mhux anqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin;

8. B'hekk jemergi illi r-revoka tal-licenzji, mhux biss dawk mahruga tal-AL 79/2006 izda ukoll taht il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, huma tassattivi fil-kaz ta' sejbien ta' htija ghat-tieni darba. Jehtieg, izda, illi l-htija precedenti kienet dwar ksur tar-regolamenti 4(b), 18(1)(a), 18(1)(c), 18(1)(e), 18(1) (f)(ii)(a), 19 u 24 (ex regolament 27 (2)(b)) jew reat li jinvolvi ghasfur fl-Iskeda I jew IX, jew tentattiv jew kacca mill-ixtajtiet elenkati fl-Iskeda VII (ex *poroviso* tas-subregolament 27(2)(b)). B'hekk ukoll, sabiex il-Qorti tkun marbuta li tordna l-iskwalifika tal-licenzji b'mod permanenti, anzi ma jkollhiex xelta hlief li taghmel hekk, is-sejbien ta' htija ghat-tieni darba ma tridx tkun dwar xi regolament ikun xi jkun mir-regolamenti tal-AL79/2006 izda jehtieg li jkun wiehed minn dawk appena citat *supra*;

9. Ezaminati sew il-fedina penali tal-appellanti kif ukoll is-sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li l-appellanti qatt kienu misjuba hatja precedentement tal-imputazzjonijiet ravvizati fis-subregolamenti msemmija fil-konsiderazzjoni numru 8 u ghalhekk ir-revoka tal-licenzja b'mod permanenti ma kienitx fil-parametri tal-ligi. It-tnejn li huma, izda, rregistraw ammissjoni ghal-reat ravvizat fis-subregolament 18(1)(3)

tal-AL79/2006 ghal-liema reat, oltre l-piena, huwa tassattiv fuq il-Qorti li tordna revoka tal-licenzji ghal-zmien mhux anqas minn sentejn u mhux aktar minn hames snin;

10. L-appellant Carl Sant gia ghandu precedent bl-infrazzjoni tal-AL 79/2006 meta kien instab fil-pussess ta' skratac tal-kacca b'comb ta' daqs aktar minn dak permess mil-ligi. L-appellant Cliff Borg, minn naha l-ohra ghandu diversi precedenti in rigward u jiddemostra nuqqas ta' rispett ghal-ligijiet dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi u dan ma jistghax jghaddi inosservat minn din il-Qorti f'dawn il-proceduri u ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-parti konklussiva ta' dan l-appell;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, anke jekk diversament minn dawk mressqa mill-appellanti, tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet kollha u fl-addebitu tar-recidiva kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannathom ghal-hlas ta' multa ta' €1500 [kull wiehed] u ordnat il-konfiska tad-dghajsa u tal-arma, tibdilha f'dik il-parti fejn ordnat ir-revoka tal-licenzji taghhom mahruga taht l-AL79/2006 b'mod permanenti u minflok tordna r-revoka tal-licenzji mahruga taht l-AL 79/2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija: fil-konfront ta' Carl Sant ghal zmien tlett (3) snin mil-lum u fil-konfront ta' Cliff Borg ghal zmien hames (5) snin mil-lum.